**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Mejju, 2016

Rikors numru : 123/16 AL

Ab

U

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' April 2012 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru wiehed, wiehed, seba` -(117/2012) hawn anness u mmarkat bhala Dok. KM1;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) hawn anness u mmarkat bhala Dok. KM2;

Illi minn dan iz-zwieg taghhom ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet ilhom separati *de* facto ghal aktar minn erba` (4) snin ;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

lli dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April 2016;

Semghet lir-rikorrenti Giovanna Agius tikkonferma ir-rikors kongunt bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw

illi ilhom legalment separati mis-16 ta' Ottubru 2015 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.